**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 12 ta' Gunju, 2001**

**Numru 17**

**Avviz. numru 62/01JR**

**Dr. Mark Xuereb M.D.**

**vs**

**Joseph Camilleri u Louis Camilleri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Jannar, 2001, fejn intalab il-hlas ta' tmenin lira Maltija (Lm80.00), u fejn intqal illi l-attur kien gie mqabbad mill-konvenut sabiex jirrendi servizzi medici matul festa organizzata mill-istess konvenuti fis-17 t'Ottubru, 1999, gewwa l-Club Numero Uno, limiti ta' Ta' Qali;**

**Billi l-attur ma thallasx in toto ghas-servizzi hekk minnhu rezi stante illi ghada dovuta s-somma ta' tmenin lira Maltija (Lm80.00) bilanc ta' soma akbar lilhu dovut mill-istess konvenuti;**

**Billi nonostante debitament interpellati biex ihallsu dan l-ammont il-konvenuti baqghu nadempjenti;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata t-2 ta' Settembru, 2000, u bl-imghax legali mis-17 t'Ottubru, 1999 sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenuti jew min minnhom, ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenuti debitament notifikati baqghu ma pprezentawx risposta u lanqas ma derhu.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Mark Xuereb li kkonferma li l-ammont intier ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' tmenin lira Maltija (Lm80.00), bl-imghaxijiet legali mid-29 ta' Jannar, 2001.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata t-2 ta' Settembru, 2000, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**